# Il-Pożizzjoni tal-Investiment Internazzjonali: K4/2024

NR 055/2025 Data tal-Ħruġ: 01 ta' April 2025

*Fl-aħħar tal-2024, l-ekonomija Maltija rreġistrat Pożizzjoni tal-Investiment Internazzjonali netta ta' €18.4-il biljun.*




Meta mqabblin maċ-ċifri rreġistrati fi tmiem l-2023, l-assi barranin żdiedu b'€37.7 biljun, filwaqt li l-obbligazzjonijiet barranin żdiedu bi €38.5 biljun fl-2024. Dan kollu wassal għal tnaqqis ta' €0.7 biljun fil-Pożizzjoni tal-Investiment Internazzjonali netta (IIP).

Il-livell tal-assi barranin f'Malta ammonta għal €697.1 biljun sa tmiem l-2024.

L-Investiment Dirett laħaq it-80.5 fil-mija, filwaqt li Investiment Ieħor kien jirrappreżenta 12.2 fil-mija tal-assi barranin. Iż-żieda fl-assi barranin kienet ġejja l-aktar miż-żieda ta' €26.9 biljun fl-Investiment Dirett.

Fl-aħħar ta' Diċembru 2024, l-obbligazzjonijiet barranin ta' Malta kienu ta' €678.7 biljun. L-Investiment Dirett kien ta' €587.8 biljun, żieda mill-€556.2 biljun irreġistrati f'Diċembru 2023, u kien jgħodd mas-86.6 fil-mija tal-obbligazzjonijiet barranin. L-Investiment Ieħor irrappreżenta 9.9 fil-mija tal-obbligazzjonijiet barranin u ammonta għal €67.5 biljun fl-2024.

## Ċart nru 1. Il-Pożizzjoni tal-Investiment Internazzjonali netta




## Ċart nru 2. L-assi barranin kollha bil-komponenti magħżulin




## Ċart nru 3. L-obbligazzjonijiet barranin kollha bil-komponenti magħżulin




## Il-Bilanċ tal-Pagamenti

### Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

L-Investiment Dirett f'Malta u Barra: Jannar-Ġunju 2024

It-Tranżazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali: K3/2024

L-Istatistika tal-Affiljati Barranin: 2022

L-Investiment Dirett f'Malta u Barra: Jannar-Diċembru 2023

It-Tranżazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali: K2/2024

### Temi Oħra Relatati

Il-Globalizzazzjoni u l-Istatistika tan-Negozju

Il-Kontijiet Nazzjonali

Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija

### Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

business.nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula.